

**Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2013/C 266/04)



*Il-wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida ta' 2 euro għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Monako*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha, bħala informazzjoni għall-pubbliku u għall-partijiet kollha li jużaw il-muniti <sup>(1)</sup>. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 <sup>(2)</sup> dwar dan, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-UE li jstipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, notevolment li dawn ikunu biss muniti taż-2 euro. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita:** Monako

**Is-suġġett tal-kommemorazzjoni:** L-20 anniversarju mis-sħubija man-Nazzjonijiet Uniti

**Deskrizzjoni tad-disinn:**

Il-munita turi ħamiema b'fergħa taż-żebbuġ, u f'nofs l-arkata, fuq ix-xellug il-kornukopja, u fuq il-lemin il-marka tal-laboratorju fejn issir l-inċiżjoni taz-zekka ta' Pariġi. Fuq, f'nofs tond, l-indikazzjoni tal-pajjiż tal-ħruġ "MONACO" u isfel, f'nofs tond, l-iskriżzjoni "1993 AMMISSJONI FIN-NU 2013".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu:** 1 229 131

**Id-data tal-ħruġ:** Lulju 2013

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).